MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2010

Numru 498/2005

**PULIZIJA**
**SPETTUR JOHANN J. FENECH**
**VS**
**FRANKLIN CACHIA**

Il- Qorti

Rat l- imputazzjoniet migjuba kontra Franklin Cachia ta' 20 sena ( DTT 13/11/1984), bin Carmelo u Josephine nee Mizzi, imwieled Zabbar li joqghod ' Rowman Hse', St Joseph Street Zabbar (ID Nru. 529284 M)

Illi hu akkuzat talli fis- 16 ta' Jannar, 2005 ghal- habta ta 20:15 hrs f' Hal Far, b' nuqqas ta hsieb, bi traskuragni jew b' nuqqas ta hila fl- arti jew professjoni tieghek, jew b' nuqqas ta tharis tar- regolamenti tat- traffiku, involontarjamentr ikkagunajt feriti ta' natura gravi fuq il- persuna ta Raymond Frendo mill- Birgu kif iccertifika Dr Patrick Farrugia mill- Isptar San Luqa.

Akkuzat ukolli talli fl- istess data, lok u hin ikkagunajt hsara nvolontarja fuq arblu tad- dawl ghad- dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema hsara tammonta ghal- Lm 214,66 c

Akkuzat ukoll talli fl- istess data, lok u hin soqt il- vettura ta’ l- ghamla Opel Corsa bin- nru ta’ reg OPE 113 b’ manjiera perikoluza u traskurata u bi speed eccessiv.

F’ kaz ta htija l- Qorti hija gentilment mitluba li tissospendi jew tirrevoka l- licenzja tas- sewqan ta’ l- imputat ghal-perjodu ta’ zmien li  jidrilha xierqa.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali u dak ta’ l-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi mix- xhieda tal- prosekuzzjoni u cioe PS 827 Edward Grech jirrizulta li fi 16 ta Jannar 2005, il- pulizija giet infurmata li karozza laghqtet arblu tad- dawl ta l- Enemalta Hal Far, u li f’dan l-impatt wegghat Ramona Frendo tant illi din kellha tigi estratta mil- karozza permezz tac-Civil Protection Unit.

Is- surgent Grech esebixxa l- iskizz u l- okkorrenza ( Dok PS u Dok PS 1), u kellem lil imputat, li kien is- sewwieq tal- karozza. Is- surgent Grech xehed illi dan l- arblu kien f’ nofs ta triq u cioe 18 il- metru l-barra mil- hajt **“u ma kellhu ebda markatura mieghu, u ma kienx jidher -” “dan l- arblu … kien ta periklu filfatt tnehha dan l-arblu, m’ ghadux hemm**” (ara xhieda fol 15). Mitlub mil-Qorti biex jghid kemm il- darba dan l-arblu kien imqieghed go xi traffic island jew kellux xi dwal fuqu biex ma jkunx ta

periklu ghal- utilisti ta triq, is- surgent Grech irrisponda **“xejn Sur Magistrat”**, is- surgent Grech informa lil Qorti li t- triq fejn dan l- arblu kien imqieghed f’ nofsha, kienet tintuza minn hafna nies li jahdmu fil- fabbriki ta Hal Far u kien qieghed vicin il- fabbrika Play mobile : **“l- arblu jigifieri f’ nofs ta triq litteralment.”**

Gew esebiti ritratti Dok.X (u cioe ritratt li juri l- arblu f’nofs ta triq minghajr l- ebda protezzjoni ghal- uitilisti ta’ triq) u Dok.X1 (ritratt ta l-istess post wara li tnehha l- arblu f’ nofs ta triq)

Ramona Frendo ikkonfermat li hija u l-imputat kien fil- karozza qed isuqu b’ mod normali meta raw arblu tad- dawl f’ nofs ta triq, l- imputat Franklin Cachia, prova jiehu evasive action u sehhet il- kollizjoni u hi bhala konsegwenza sofriet minn *multiple fractures* f’ saqajha xellugija, feriti f’ ghajnejha u f’ idejha. L-incident gara fi 8:15 ta filghaxija meta hija u l-imputat kieneu se jirritornaw lejn id-dar.

l- Ispettur Johann J. Fenech a fol 24 et sec esebixxa Dok JF, stima f’ ammon ta LM 214. 66c hsarat fuq l- arblu ta’ l- Enemalta. Gie esebit certifikat mediku Dok JF1 u l- istatment Dok JF 2 ta’ l- imputat. Fl- istqarrija tieghu Dok JF 2 a fol 28 u 29, l-imputat jispjega kif dan l- arblu tad- dawl kien qieghed f’ nofs ta triq minghajr l- ebda protezzjoni jew sinjali jew dwal madwaru u li huwa “peress li ma kellux dwal rajtu fl-ahhar bicca u bqajt diehel go fih”.

PC 829 Dugall ikkonferma x- xhieda tas- Surgent Grech a fol 30 et sec.

Joseph Formosa forman ta l- Enemalta ikkonferma l- istima tal- hsara fuq l- arblu u li l- hlas kien ghadu ma sarx, lanqas ma seta jaghti taghrif lil Qorti dwar min ordna li jitwahhal dan l-arblu f’ nofs ta triq, dwar kemm kien hemm incidenti awtomibilistici pprecedentament ghal- incident in kwistjoni. **A fol 36 Joseph Formosa jammetti li huwa x’ hin mar fuq il-post “kien jidher li (l- arblu tad- dawl) kien qieghed perikoluz ghas- sewwieqa” u kkonferma li xi jiem wara dan l- arblu tnehha adirittura**

**mill- haddiema ta' l- Enemalta. Formosa jghid pero li dan l- arblu kellu *base* tal- konkos.** Mistoqsi diversi domandi dwar dan il-*base*, Formosa jghid li suppost kien hemm *base* ta' 4 inches konkos izda mid-domandi tal-Qorti jirrizulta li kien hemm 3 inches tal- konkos li kien l-istess kulur bhat-tarmak ta' l-art.

George Portelli ma setghax jaghti nformazzjoni dwar meta twahhal dan l-arblu b' mod preciz izda qal li twahhal fi 1993.

Lawrance Zammit, Principle Officer, mal-Enemalta kkonferma li ghalkemm iffirma l- applikazjoni ma setghax jghid jekk kienx il- persuna li ordna li jitqieghed dan l-arblu tad- dawl f' nofs ta' triq.

Christopher Darmanin ikkonferma li l-karozza OPE 113 kienet propjeta ta' l- imputat.

Id-difiza esebiet sentenza tal- Prim Awla tal-Qorti Civili ta l- 20 ta' April, 2009.

L-imputat, fix-xhieda tieghu, xehed illi hu u t-tfajla tieghu kienu ghaddejjin f'Hal Far, hdejn il-Play Mobile, u kif dahar mal-*containers,* illi kien hemm stivati fuq in-naha tal-lemin tat-triq, habat f'arblu tad-dawl illi kien imqieghed f'nofs tat-triq minghajr ma kellu ebda sinjal jew dawl mixghul fuqu. L-imputat xehed illi huwa ma kienx ghaddej bi *speed* eccessiv u li l-arblu kien imqieghed ezatt wara l-liwja u ghaldaqstant ma kienx hemm vizwali bizzejjed biex jevitah. Illi fl-impatt tal-karozza ta' l-imputat ma' l-arblu, it-tfajla tieghu wegghet u l-griehi taghha kienu ta' natura gravi u cioe sfregu f'wiccha. L-imputat zied jghid illi kien dlam cappa, ghal habta tat-tmienja u kwart ta' filghaxija (8:15p.m.) fix-xitwa u li lanqas dawl fi triq ma kien hemm u pprova jiehu *evasive action* pero' xorta wahda sar l-impatt. Illi, kawza ta' l-impatt, huwa kien storda ghal xi hin, imbaghad, kif stejqer, cempel mall-ewwel ghal-ambulanza. L-imputat informa lil Qorti illi huwa ma kienx midhla ta' dik it-triq. Ikkonferma wkoll illi kien ghaddej bi *speed* ta' bejn forty u forty five kilometer per hour u li l-karozza tieghu garbet hsarat konsiderevoli f'dan l-impatt.

Stephen Bonavia u Elton Cachia, prodotti mid-Difiza, it-tnejn ikkonfermaw l-*ispeed* illi bihom huma kienu ghaddejjin isegwu lill-imputat u qalu kemm kien perikoluz dan l-arblu f'nofs tat-triq u li kienu jahbtu fih huma stess kemm-il darba il-karozza taghhom kienet qeghedha fuq quddiem minflok li kienet qeghedha ssegwi dik ta' l-imputat.

Ikkonsidrat:

Illi kull entita' governali jew korporazzjoni jew entita' tal-Gvern ghandha dover illi taghti s-servizzi taghha u tqieghed l-apparat taghha b'mod illi ma tipperikolax l-utilisti tat-triq. Illi f'kaz ta' cittadin jew socjeta kummercjali, l-*istandard of care* li tezigi l-Ligi hija dik ta' *bonus pater familias*. Meta, pero', si tratta, ta' entita' governattiva illi tissuplixxi ghal pajjiz, servizzi ta' luce eletrika, ilma, gas jew telefonija ghac-cittadini ta' dak il-pajjiz, il-Qorti temmen illi l-*istandard of care* ghandu jkun aktar strett minn dak ta' cittadin kwalunkwe u dana ghal diversi ragunijiet fosthom, mhux biss illi huwa c-cittadin illi qed ihallas ghal dawn is-servizzi, izda minhabba illi l-Gvern u l-korporazzjoni statali, ghandhom ikunu "on the forefront" ghal dak li jikkoncerna *standards* ta' sahha u sigurta' tac-cittadini u ghandhom jaghtu ezempju, bl-istess *standards* stretti taghhom lic-cittadin ordinarju.

Illi fil-kaz, in ezami, l-Enemalta Corporations ghazlet illi tqieghed arblu tad-dawl ta' kulur griz, f'nofs tat-triq, minghajr ebda pedestal, *traffic island,* bla ebda zebgha florexxenti, ebda dawl immirat fuqu u ebda pre-avviz b'sinjali tat-toroq, almenu sa mitt (100) metru qabel biex tavverti illi jezisti periklu f'nofs tat-triq.

Illi l-fatt illi din it-triq ma kinitx imbaghad maghmra bl-arbli tad-dawl tal-Gvern u l-kulur griz ta' l-arblu, aktar u aktar, kompla jagrava l-perikolu ta' dan l-arblu li kien mqieghed f'nofs tat-triq. Illi l-impatt tal-kollizzjoni da parti ta' l-imputat ma' dan l-arblu sarraf fi sfregu permanenti u grossolan f'wicc ta' tfajla zaghzugha u hsarat konsiderevoli fil-karozza ta' l-imputat. Illi l-istess *foreman* ta' l-Enemalta,

Joseph Formosa, ammetta car u tond illi l-arblu tad-dawl, “**Kien qieghed perikoluz ghas-sewwieqa**” (ara xhieda fol.36)

Din il-Qorti ssib illi l-kagun ta’ dan l-incident kien biss in-negligenza kriminali u grossolana tal-Korporazzjoni Enemalta. Tant huwa hekk, illi dan l-arblu tad-dawl gie maqlugh minn postu u spustjat mal-genb estrem tat-triq, vicin il-hajt periferali, u dana b’mod immedjat. Illi din il-Qorti b’l-ebda mod ma tista’ ssib negligenza kriminali jew traskuragni kriminali fl-agir jew is-sewqan ta’ l-imputat u tikkonsidra l-imputat u t-tfajla tieghu fortunati illi ghadhom hajjin u dana qed jinghad il-ghaliex, fil-fehema ta’ din il-Qorti, dan l-arblu tad-dawl u l-mod inkoxxenti li bih tqieghed kien “a death trap”.

Illi ghal dawn il-motivi, l-Qorti ssib lill-imputat, Franklin Cachia, mhux hati skond l-akkuza u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------